Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

MALTA

Information and Data Protection Appeals Tribunal

# TRIBUNAL TAL-APPELLI DWAR L-INFORMAZZJONI U L- PROTEZZJONI TAD-DATA

**Appell numru 21/2015**

## MaltaPost

## Vs

## Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

Illum 20 ta' April 2017

Chairman: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (Lond), Dip.Tax . (MIT)
Membri : Mr Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)
Mr David Bezzina HNDip C.S., BSc IT (Hons)

It-Tribunal,

Ra l-appell tal-MaltaPost plc mid-deċiżjoni tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data tad-29 ta' April 2015 dwar li (a) CCTV camera recordings fid-Data Management System area għandhom jinżammu għal perjodu massimu ta' għoxrin (20) ġurnata u (2) li CCV recordings li jittieħdu fl-istess area inkluż ir-reception tal-istess bini u ta' madwar għandhom jinżammu sa massimu ta' sebat ijiem.

L-aggravji tal-MaltaPost plc huma dawn: (a) li l-artikolu 40 tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data ma jagħtix poter lil Kummissarju li jordna żmien determinat sakemm dawn iċ-CCTV recordings jistgħaw jinżammu; (b) li la preġudizzju għal permess, l-perjodu massimu ta' rintenzjoni impost mil-Kummissarju huwa qasir wisq fiż-żewġ każijiet; u ( c ) li l-post fix-Xewkija jiġi utilizzat għall ipproċessar, management u storage ta' dokumenti privati u kunfidenzjali u li tali informazzjoni u ksur ta' kundifenzjalita u segretezza jistgħu jagħtu lok għal sanzjonijiet ċivili u /jew kriminali.

Hija tikkontendi wkoll li la l-azzjoni għadd-danni naxxenti minn reati kriminali hija soġġetta għal preskrizzjoni ta' sentejn, għandu jiġi applikat il-perjodu ta' rintenzjoni ta' sentejn.

Li t-talba tal-MaltaPost hija sabiex d-deċiżjoni tal-Kummissarju tad-29 ta' April 2015 limitatament għal para 3.2. intitolat "Retention and Storage" tiġi annullata.

Ra d-deċiżjoni tal-Kummissarju tad-29 ta' April 2015.

Ra r-risposta tal-appell tal-Kummissarju appellat tal-25 ta' Ġunju 2015 li permezz tagħha l-Kummissarju jirritjeni li l-artikolu 40 ( c ) u 40 ( d) tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data, jagħtu l-poter li jagħti din l-ordni; li tali deċiżjoni huwa ħadha sabiex jirrikonċilja d-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni data u l-esiġenzi tal-appellanti; li l-artikolu 62 tal-Kap 254 imsemmi mill-appellanti japplika għal meta wieħed intenzjonalment jikxef xi tagħrif; u r-regolament 7G jipprojbixxi kull uffiċjal tal-post milli jikxef xi tagħrif dwar oġġetti postali li jgħaddu mil-posta; li tali artikolu ma japplikawx fil-każ tal-Artikolu 688 ( e ) tal-Kodiċi Kriminali; li l-management ikkonferma miegħu li r-recordings jinżammu għal perjodu minn tmintax sa għoxrin ġurnata għalkemm is-sistema hija kapaċi żżomm dawn ir-recordings għal sittin ġurnata u għalhekk l-perjodu ta' sentejn li jixtieq l-appellanti ma hux applikabbli; li l-linji gwida maħruġa mil-Ewropean Data Protection Supervisor fuq video-surveillance, jipprovdu li tali perjodu massimu ta' CCTV footage għal skopijiet ta' sigurtà għandu jkun ta' ġimgħat u li d-deċiżjoni tiegħu tad-29 ta' April 2015 għandha tiġi konfermata.

Ra d-dokumenti annessi mar-risposta tal-appell li jikkonfermaw li r-retention period mil-Maltapost huwa ta' sittin ġurnata liema dokumenti ma ġewx opposti mill-appellanti f'dan l-istadju ta' appell.

Ra l-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ġunju 2016 li permezz tiegħu l-partijiet talbu li l-atti kollha ta' dan l-appell ikunu biss għad-depożizzjoni tal-Bord u tal-Kontendenti.

Ra l-affidavit ta ' Joseph Gafa, li permezz tiegħu xehed li l-Maltapost toffri wkoll servizz komprensiv ta' 'document management' li jinkludi ħażna u arkivjar ta' data, kemm fiżika kif ukoll elettronika u toffri wkoll servizz ta' scanning ta' dokumenti u anki ta' shredding ta' dokumenti u ta' stampar ta' dokumenti għan-nom tal-klijenti liema faċilitajiet huma operati prinċipalment mis-sit tal-Maltapost ġewwa ix-Xewkija Għawdex. Dan jirrikjedi sigurtà għolja ħafna u aċċess ikkontrollat u sistema ta' CCTV li titħaddem erbgħa u għoxrin siegħa fil-ġurnata. Il-kuntratti li tidħol għalihom l-Maltapost jobligawha żżommu dawn id-dokumenti maħżuna għal ammont ta' żmien twil u għalhekk hija responsabbli għal dawn id-dokumenti. U li għalhekk għaż-żminijiet preskritti fil-liġi huma għandhom bżonn li jżommu dawn ir-recordings. L-access għal dawn ir-recordings huwa kontrollat u jseħħ biss fil-każ ta ' bżonn u l-aċċess huwa neċessarju sabiex ikun prekluż l-abbuż u l-aċċess mhux awtorizzat kemm minn estrani kif ukoll għal skopijiet ta' kontroll intern u huwa neċessarju biex ikun jista' jiġi offert servizz komplet. Jista' jkun hemm każ li f'sena partikolari jinqala l-bżonn li wieħed jinvestiga filmati ta' sena qabel. Ebda data personali tal-impjegati ħafna drabi ma tidher f'dawn il-filmati.

Ra l-affidavit tac- Chief Executive Officer, ta' David P Attard Executive Director, ta' Mark Vella Chief Commercial Officer, ta' Christian Calleja Head Risk, li tista' tgħid reġgħu rripetew kif taħdem is-sistema u l-bżonn li dawn ir-recordings jinżammu għal perjodu itwal kif spjega Joseph Gafa fl-affidavit tiegħu.

Ra z-żewġ affidavits ta' Claudette Pace Head Document Management Services Unit li spjegat is-sistema kif taħdem u anke preżentat sett ta' ritratti u video tal-faċilita u spjegat ukoll li wara d-deċiżjoni tad-29 ta' April 2015 l-kumpanija rrivediet l-policies tagħha ta' aċċess għal dawn is-CCTV u l-aċċess huwa permissibbli lill-impjegati tas-security tal-kumpanija li jkunu 'on duty' u lil kap tas-sigurtà cioe l-Manager jista' jkollu aċċess għas-CCTV u dan mil-bini tal-kumpanija; li remote access ta' CCTV footage ma għadux aktar permissibbli u li l-kumpanija qed taġġorna 'd-data protection policy' sabiex din tkun tirrifletti dak li rrakkomanda l-Kummissarju 'fl-Inspection report' tiegħu dwar l-immaniġġjar ta' CCTV footage.

Ra x-xhieda tal-istess Claudette Pace u ta' David Attard u l-kontro-eżamijiet li saru fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2016 u d-dokumenti esibiti. David Attard spjega li r-raġuni għaliex iridu iżommuhom aktar dawn ir-recordings hija għaliex jekk tiġi entita pubblika b'records tal-poplu Malti huwa ma jistgħax jgħid lil klijenti li dawk ħa jkunu għal sebat ijiem jew għoxrin ġurnata biss jekk huma jkunu taw responsabiltà u jkun għamel ftehim magħhom li jżomm id-data għal ħames , għaxar snin jew kemm hemm bżonn.

Spjega li ma hemmx xi ħadd li joqgħod iħares il-ħin kollu x'jinġibed fuq CCTV. Li s-server room jaċċessaha bil-fingerprints; u li aċċess għaliha għandhom persuna jew tnejn u hemm areas oħra fejn għandek hybrid mail ecc jaċċessawha ħafna impjegati. Biex tidħol fil-hybrid mail ukoll hemm fingerprint access għax dan jeżisti fil-faċilitat' kollha iżda ma jkunx hemm record li persuna partikulari misset id-dokument, ikollok biss identità ta' min daħal. Is-CCTV jagħtih l-faċilita' jkun jaf minn mess il-files.

Ra li l-partijiet fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2016 iddikjara li ma għandux aktar provi u x'taqu jagħmlu noti.

Ra n-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ra s-sottomissjonijiet verbali li saru mil-partijiet fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2017
Ikkunsidra l-ilment huwa dwar jekk dawn ir-recordings tac-CCTV Cameras imwaħla fil-faċilita li għandha l-Maltapost plc fix-Xewkija Għawdex għandhomx jinżammu għal żmien indefinit jew għal sentejn minn dakinhar li l-azzjoni ista tiġi eżerċitata, ai terminu tal-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, u dan kif qed jitlob l-appellanti fl-appell tiegħu jew għal żmien definit kif qed jikkontendi l-Kummissarju appellat.

Il-Kummissarju appellat jikkontendi li huwa għandu s-setgħa skond l-Artikolu 40( c) tal-Att li jieħu dawk il-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġi żgurat li l-ipproċessar ikun konformi mal-att u cioe b'konformita mal-artikolu 7 (i) tal-istess Att li jistipula li l-kontrollur u f'dan il-każ, MaltaPost plc m'għandux iżomm d-data personali għal perjodu itwal minn dak meħtieġ.
Illi f'dan il-każ diġà ġie stabbilit mil-Kummissarju li l-għan ta' dawn ir-recordings huwa wieħed leġittimu u għalhekk dan it-Tribunal ma hux ser jidħol dwar dan il-punt iżda ser jikkonsidra biss dwar 'ir-retention period' ta' dawn ir-recordings.

Il-kwistjoni bdiet meta l-Kummissarju irċieva ilment mil-General Workers Union li dawn il-cameras huma ffukati fuq l-ħaddiema li kienet qed ikunu moniterjati fuqhom matul ix-xogħol tagħhom

.

It-Tribunal l-ewwelnet jirrikonoxxi li kulħadd għandu dritt għal privatezza fuq l-post tax-xogħol u dan wara li daħal fis-seħħ t-Trattat tal-Lisbona. Li l-użu ta' CCTV jista' jkollu impatt fuq dan id-dritt ta' privatezza ġie rikonoxxut mil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-bniedem fil-każ Peck v United Kingdom.

Stante li CCTV wkoll tirrikjedi proċessar ta' data awdjo viżwali dan huwa wkoll suġġett għal liġi tal-Protezzjoni tad-Data. Fil-każ 10/2010, l-Kummissarju tad-Data fl-Ingilterra, għamel ftehim li ebda real time views ma jkun permess u li 'recorded images would be viewed only after a security breach or health and safety incident." Illi f'dan il-każ ma hemmx ilmenti dwar l-ipproċessar iżda dwar ir-retention period għal dawn ir-recordings.

Illi l-liġi tagħna dwar id-data tgħid li data ma għandhiex tinżamm aktar milli huwa neċessarju u t-terminu ta' żmien huwa wieħed diskrezzjonali. Illi mil-provi jirrizulta li tali camera mhux ffukati fuq l-ħaddiema iżda fuq l-idejn ta' min imiss dawn il-files sabiex kif spjega David P Attard jekk ikun hemm xi leakage ta' xi file ikunu jistgħu jagħrfu mil-fingerprint l-persuna li misset dak il-file. Inoltre l-Kummissarju u l-appellanti qed jaħdmu fuq ir-rakkomandazzjonijiet dwar dawn ic-cctv cameras li jidher li ġew aċċettati mil-kumpanija appellanti.

Jidher għalhekk li l-ilment li fadal huwa dwar ir-retention period u l-appellanti bħala Kummissarju li qed iżomm din id-data ġġustifika għaliex għandu bżonn perjodu ta' snin kemm għax diġà laħaq iffirmata kuntratti mal-kuntratturi tiegħu dwar iż-żmien ta' ritenzjoni u kif ukoll sabiex huwa jissalvwarja l-kumpanija minn xi kawża għad-danni li jista' jkun hemm jekk xi darba jiġi żvelat li l-infomrazzjoni ħarġet mil-facilita li għandha fix-Xewkija.
Illi meta dan it-Tribunal fela l-Euorpean Document on Retention Guide – A comparative view action 16 countries to hel you better understand legal requirements and records management best practice, maħruġ f'Ottubru 2015 , setgħa jinnota li l-perjodu jvarja bejn pajjiż u ieħor tal-Unjoni Ewropeja u jiddependi wkoll minn natura tad-dokumenti. Per eżempju l-Irlanda

żżomm dokumenti relatati mal-pensjoni għal seba' snin massimu filwaqt li l-Italja ma għandha ebda limiti f'ċerti dokumenti.

Illi għalhekk dan it-Tribunal jasal biex jifhem u jaqbel li t-termini imposti mil-Kummissarju huma qosra wisq cioe ta' li CCTV camera recordings fid-Data Management System area għandhom jinżammu għal perjodu massimu ta' għoxrin (20) ġurnata u li CCTV recordings li jittieħdu fl-istess area inkluż ir-reception tal-istess bini u ta' madwar għandhom jinżammu sa massimu ta' sebat ijiem.

Illi meta dan it-Tribunal ra x'jagħmlu pajjiżi ohra fl-Unjoni Ewropea dwar dan ir-retention period għal dokumenti li huma relatati ma' dawk li żżomm l-kumpanija appellanti, huwa tal-fehma li jkun ġust u għaqli li fiċ-ċirkostanzi preżenti tali retention period għaż-żewġ każijiet ikun ta' seba' snin u dan taħt kondizzjonijiet ohra li l-Kummissarju jgħoġbu jimponi.

Illi t-Tribunal jaqbel mas-sottomissjoni tal-appellanti illi l-preskrizjoni ghad-danni f'kaz ta' reat hija ta' sentejn minn meta jigi kommess l-allegat reat u ghalhekkk huwa tal-ehma illi r-retention period fiz-zona li mhix iz-zona riservata ghad-Data Managment System ghandha tkun ta' sentejn. Filwaqt illi ghaz-zona tad-Data Managment System, wara li ha inkonsiderazzjoni ir-retention period f'pajjjiz ohra tal-Unjoni Ewropea, huwa jikkonsidra ir-retention period taz-zmien ta' sebgha snin bhala gust u ekwu.

Għaldaqstant dan it-tribunal jaqta' u jiddeċidi billi jilqa' l-appell tas-soċjetà appellanti billi jirrevoka id-deċiżjoni tal-Kummissarju appellat tad-29 ta' April 2015 u jordna li r-retentions period għas CCTV camera recordings fiz-zona riservata għad Data Management System fil bini fix-Xewkija jkun sa massimu ta' seba' snin, filwaqt li r-retention period f'zoni oħra inkluża r reception area fl-istess bini għandhom ikunu għal mhux aktar minn sentejn. It-Tribunal jordna wkoll lis-soċjetà appellanti sabiex kwalunkwe ftehim li hija tagħmel ma' terzi għandu jkun jirrifletti din id-deċiżjoni.

Dr Anna Mallia
Chairperson

Mr Charles Cassar
Membru

Mr David Bezzina
Membru



MINISTRY FOR SOCIAL DIALOGUE, CONSUMER AFFAIRS AND CIVIL LIBERTIES
Barriera Wharf, Valletta, VLT 2000. TEL. NO. 20908311
**THE INFORMATION AND DATA PROTECTION APPEALS TRIBUNAL**
Email: bryony.bartolo@gov.mt